MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Numru. 346/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Priscilla Caruana]**

**vs**

**Nathaniel Galea**

**Kumpilazzjoni Numru: 346/2011**

**Illum, 26 ta' Novembru, 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra **Nathaniel Galea,** bin Anthony Mario u Anne nee' Farrugia, imwieled fil-25 ta' Novembru, 1986 u residenti fil-fond numru 123, Dar

Sant'Anna, Triq l-Oratorju, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 542486(M).

Akkuzat talli fil-11 ta' Frar, 2010, ghall-habta tat-15:00hrs gewwa Triq Hal Far
1. Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBF-972, b'majiera (a) traskurata u (b) perikoluza;
2. Ukoll talli waqt li kien qed isuq l-istess vettura, saq vettura fin-naha tax-xellug tat-triq; u
3. U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi (ksur) fuq il-persuna ta' Raymond Sammut skond kif iccertifikat Dr.Glorianne Bezzina M.D. Reg. 5219 mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni tablet lil Qorti biex tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

Rat li l-imputat ma kellux ogezzjoni li l-kaz jitkompla bi porocedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jittratta incident stradali li sehh nhar il-11 ta' Frar 2010 meta l-imputat kien qed isuq fi Triq Hal-Far Hal-Far. Dwar il-fatti ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni.

Illi dak in-nhar gara li waqt li kien qed isuq fid-direzzjoni ta' Hal Far l-imputat f'xi hin qabez il-vettura ki kien hemm quddiemu (miexja f'l-istess direzzjoni) u hekk kif dahal fil-karreggjata tan-naha l-ohra huwa baqa diehel frontalment

fil-vettura misjuqa mill-parte leza (Raymond Sammut) li kienet gej mid-direzzjoni opposta.

Illi l-imputat jammetti li meta huwa gie biex jaqbez il-vettura li kienet quddiemu huwa hares biss wara u ma qadx jikkonsidra x'traffiku seta' kien gej min-naha l-ohra; dan ghaliex l-imputat haseb li t-triq kienet one way, cioe ma rrealizzax li t-triq kienet dual carriageway u konsegwentement assuma li ma kienux ser jigu vetturi mid-direzzjoni opposta.

Illi l-imputat jghid li l-konfigurazzjoni tat-triq mhiex wahda felici u facilment tista' taghti l-impressjoni li hija single carriage way; jghid ukoll li dik kienet "kwazi l-ewwel darba" li ghadda minn hemm[1], li ma kienx familjari maghha u kien ghalhekk li tifxkel u haseb li kienet single carriage way.

Illli jekk il-Qorti taghti kredibilita lill-imputat f'din it-tezi u cioe li huwa verament ma rrealizzax li t-triq kienet dual carriage way allura necessarjament ghandha tikkonkudi li huwa ma kienx qed izomm dik il-proper look out rikjesta minn kull sewwieq.

Ikkunsidrat

Illi ai termini tac-citazzjoni hemm tlett imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat:

- Sewqan traskurat u perikoluz;
- Sewqan mhux fin-naha tax-xellug tat-triq; u
- Offiza gravi involontarja fuq il-persuna ta' Raymond Sammut.

Illi fin-nota ta' rinviju ghall-gudizju ta'l-Avukat Generali hemm imputazzjoni ohra migjuba kontra l-imputat, u cioe dik ta' hsara involontarja prospettata f'l-artikolu 328(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi pero n-nota ta' rinviju ghall-gudizju ta'l-Avukat Generali

[1] Il-Qorti ma tistax tifhem kif din kienet "kwazi l-ewwel darba" li l-imputat ghadda minn hemm; jew kienet l-ewwel darba jew ma kenitx; f'dan il-kuntest ma jistghax ikun hemm "kwazi l-ewwel darba".

*… skond is-subartikolu 3 ta'l-artikolu 370 … tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' l-akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju skond l-artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li ma li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali naturalment jista' jnaqqas reat jew reati anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta'rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat.*[2]

Illi ghalhekk, u la darba ma saret l-ebda talba da parti ta'l-Avukat Generali biex waqt il-kumpilazzjoni tizdid xi imputazzjoni kontra l-imputat l-Qorti tista' tiehu biss konjizzjoni ta'l-imputazzjonijiet elenkati fic-citazzjoni. Konsegwentment il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat fin-nota ta' rinviju ghall-gudizju ta'l-Avukat Generali in kwantu tirreferi ghar-reat prospettat f'l-artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik kontemplata fir-Regolament 75 ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1984. Ir-reat hemm kontemplat huwa kontravvenzjoni u konsegwentement preskrivibbli bid-dekors tat-tlett xhur mid-data tal-kommissjoni tieghu.

Illi l-incident mertu ta' dawn il-proceduri sehh fil-11 ta' Frar 2010. Mill-atti ma jirrizultax ezattament meta l-imputat gie notifikat bil-proceduri odjerni pero jirrizulta li c-citazzjoni l-ewwel li harget ghan-notifika kien fil-5 ta' Novembru 2010 meta kienu diga ghaddew b'diversi xhur mit-tlett xhur imsemmija. Konsegwentement jidher car li din it-tieni inputazzjoni hija preskritta.

---

[2] Ref Pulizija vs Michael Carter Apell Kriminali deciz 07/12/2001.

Illi l-ewwel imputazzjoni tirreferi ghal sewqan traskurat u perikoluz li fihom hemm inkluz sewqan bla kont.

Illi x'jikkostitwixxi sewqan traskurat, bla kont, u perikoluz huwa ukoll pacifiku f'l-ordinament gurikdiku taghna.

*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan...* [3]

Illi b'applikazzjoni ta' dan l-insenjament ghall-fatti tal-kaz in ezami l-Qorti hija tal-fehma li s-sewqan ta'l-imputat jaqa' taht definizzjoni ta'l-ewwel kategorija hawn fuq elenkati u cioe dik ta' sewqan tarskurat kif distint minn sewqan bla kont u sewqan perikoluz. Dan ghaliex meta l-imputat qabez il-vettura li kienet qed tinsaq quddiemu huwa ma hax riskju deliberat imma decizjoni zbaljata minhabba nuqqas ta' dik l-attenzjoni rikjesta minn kull sewwieq, nuqqas ta' attenzjoni li wasslet biex ma' ndunax li t-triq li kien qed isuq fiha kienet dual carriageway.

---

[3] Ref Pulizija vs Alfred Mifsud Appell Kriminali deciz 06.05.1997.

Illi ghalhekk l-Qort hija sodisfatta li l-ewwel imputazzjoni tirrizulta in kwantu tirreferi ghal sewqan traskurat u mhux sewqan bla kont jew perikoluz.

Illi t-tielet imputazzjni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar offiza involontarja a dannu ta' Raymond Sammut.

Illi anke minn dak hawn suespost jirrizulta ampjament li l-imputat wera nuqqas ta' attenzjoni u hila fis-sewqan tieghu meta naqas li jinduna li t-triq li kien qed isuq fiha kienet dual carriage way. Dan in-nuqqas wassal biex habat frontalment mal-vettura misjuqa mill-parte leza Raymond Sammut u bhala konsegwenza ta' dan l-incident Sammut sofra ksur fit-truf tas-sockets tal-hip joints.

Illi ma jidhirx li l-imputat qed jikontesta n-natura gravi tal-griehi sofferti minn Sammut imma qed jikkontendi li dawn jaqaw taht definizzjoni ta'l-artikolu 216 u mhux 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Illi meta saru s-sottomissjonijiet mill-partijiet l-imputat kkontenda ukoll li r-rapport tal-Professur Anthony Bernard esebiet a fol 23 ghandu jigi skartat bhala prova inammissibli stante li dan huwa rapport ex parte.

Illi jibda biex jinghad li in atti hemm tlett dokumenti li jistghu jitqiesu bhala prova tal-griehi li sofra l-imputat. Dawn huma:

- Discharge certificate esebit a fol 4 tal-porocess li gie konfermat bil-gurament minn Dr Glorianne Bezzina, it-tabiba li ffirmatu; id-discharge certificate jinghata lil kull pazjent li jkun ghamel xi zmien rikoverat l-isptar u huwa speci ta' rendikont tar-rikoveru ta' dak il-pazjent: juri x'sintomi wasslu ghar-rikoveru, minn kien il-konsulent responsabbi ghall-kura tal-pazjent, l-interventi u testijiet li saru, il-kura mghotija u x'follow up irid isir;
- Certifikat qasir mahrug minn Mr Bernard fid-9 ta' Frar 2011 esebit a fol 14 tal-process; u
- Rapport dettaljat mahrug minn Mr Bernard esebit a fol 23 li huwa esebixxa dak in-nhar li ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti.

Illi minn dawn mid-discharge certifikat u anke mid-depozizzjoni tieghu jirrizulta li Mr Bernard kien il-konsulent li taht il-kura tieghu kien rikoverat Raymond Sammut.

Illi l-imsemmi konsulent gie prodott bhala xhud fil-kwalita tieghu premessa; u cioe bhala l-konsulent li taht il-kura tieghu Raymond Sammut kien rikoverat. Meta Mr Bernard gie il-Qorti biex jaghti d-depozizzjoni tieghu huwa gab mieghu rapport dettaljat; huwa dan ir-rapport li l-imputat qed iqies bhala inammissibbli.

Illi l-Qorti pero ma taqblix. Mr Bernard huwa l-konsulent li taht il-kura tieghu il-parte leza kien rikoverat fl-isptar Mater Dei; huwa bhal kull tabib li jkun involut fil-kura ta' xi persuna li ssoffri griehi li dwarhom jittiehdu proceduri kriminali kontra xi hadd, tressaq bhala xhud biex jghid lill-Qorti x'irrizultalu meta Sammut kien taht il-kura tieghu. In vsita ta' dan l-Qorti ma tarax li ghandha tiskarta dan ir-rapport bhala inammissibbli imma ghandha tiehdu in konsiderazzjoni bhala parti mill-provi l-ohra prodotti fid-decizzjoni taghha kif ser tikklassifika l-griehi sofferti minn Sammut stante li kull decizjoni dwar il-klassifikazzjoni ta' griehi ai fini ta' l-artikolu 216 u 218, u konsegwentement jekk humiex gravi jew gravissimi, huwa gudizju li jispetta lill-Qorti u mhux lill-professjonisti medici li jistghu jidhru quddiema sia bhala xhieda u sia bhala esperti.

Illi din il-Qorti, wara li qiset il-provi ikollha prodotti, inkluz d-depozizzjoni ta' Dr Bezzina, ta' Mr Bernard u anke tal-parte leza nnfisu, hija tal-fehma li bahala rizultat ta' dan l-incident Raymond Sammut garrab offiza li ggiblu debulizza jew difett permanenti u ghalhekk l-griehi li huwa sofra jaqaw taht definizzjoni ta'l-artikolu 218(1)(a).

Illi ghalhekk it-tielet imputazzjoni kontra l-imputat hija sodisfacjentement pruvata ukoll.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-fedina penali tieghu li hija netta.

Illi dwar it-talba tal-prosekuzzjoni ghall-iskwalifika mill-licenzja tas-sewqan il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li ai termini ta’ l-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta ghar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat l-perjodu minimu ta’ skawlifika huwa ta’ tmint ijiem. In vista tac-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz il-Qorti hija tal-fehma li l-perjodu ta’l-iskwalifika ghandu jkun fil-minimu preskritt.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat fil-paragrafu “c” tan-nota tar-rinviju ghal gudizju ta’l-Avukat Genrali in kwantu tirreferi ghar-reat prospettat f’l-artikolu 328(c) tal-Kapitolu 9, fil-waqt li tiddikjara t-tieni imputazzjoni preskritta, u fil-waqt li tiddikjara l-imputat mhux hati ta’l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal sewqan bla kont u perikoluz u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 225 u 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal sewqan traskurat u ssibu hati ukoll tat-tielet imputazzjoni u taghhom tikkundannah multa ta’ elf Euro (€1,000) u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 15(3) tal-Kaptolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta tiskwalifikah minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ tmient ijiem.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------